**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 44 - L-ERBGĦA 24 TA' AWWISSU 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18:10.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Assenti | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. NUQQAS TA' QUORUM**

1.1 Meta ssejħet il-laqgħa (fis-5:45pm) kien hemm preżenti s-Sindku u l-Kunsillieri Cuomo, Gatt u Brincat (kien online). Għalhekk il-laqgħa ma setgħatx tibda.

1.2 Fis-6pm wasak il-Kunsillier Deguara u ftit wara Abela u għalhekk il-laqgħa setgħet tibda.

1.3 F'dak il-ħin kien hemm xi problemi tekniċi u ma stajniex nitrasmettu.

**2. MINUTA SILENZJU GĦALL-MEWT TAL-EKS KUNSILLIER ĠUŻEPPI CATANIA**

2.1 Il-Kunsill għamel minuta silenzju b'rispett lejn l-eks Kunsillier Ġużeppi Catania li miet fit-22 ta' Awwissu.

**3. QARI TA' APOLOĠIJI**

3.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillieri Spiteri u Gaffiero li taw ir-raġuni tagħhom għalfejn ma setawx jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill

qies l-assenza tagħhom bħala ġustifikata. Informa wkoll li l-Kunsillier Brincat se jingħaqad mal-laqgħa b'mod virtwali.

3.2 Is-SE informa li ma kien irċieva l-ebda kommunikazzjoni mingħand il-Viċi Sindku.

**4.** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

4.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 43 li saret l-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022** li kienu meqjusa moqrija.

4.2 Il-minuti ġew approvati (*nem con*) wara proposta mill-Kunsilliera Cuomo issekondata mill-Kunsillier Gatt.

**5.** **KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

5.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

5.2 Fil-21 ta' Lulju kellha laqgħa man-negozji fejn kellu jiġi diskuss il-ġurnata u l-ħin li jippreferu biex darba fil-ġimgħa tingħalaq parti mill-pjazza. Sfortunatament kien hemm atteġjament negattiv u ċertu nies li kienu preżenti kienu arroganti. B'mod kollettiv intwerit reżistenza mingħajr ma offrew is-suġġerimenti tagħhom. Persuna waħda ppreżentat lis-Sindku suġġeriment, iżda ma kienx b'mod appert. Wara li spiċċat il-laqgħa kien hemm individwi li esprimew ruħhom b'mod differenti milli deher fil-laqgħa. Minkejja li ma kinux mistiedna r-residenti kien hemm min ġie u lmentaw għal fatt li ma kienx hemm il-ħsieb li l-Kunsill jikkonsulta magħhom. Is-Sindku infurmat li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ingħataw ir-raġunijiet għall-għeluq tal-parti mill-pjazza. Hi konkludiet li l-Kunsill m'għandux l-istess ħsibijiet ta' ċertu nies u allura jekk il-Kunsill jemmen fil-ġid, għandu r-responsabiltà li jifhem aktar lil xulxin biex dak li jsir ikun aċċettabbli u jkun jista' jsir fit-tul. Is-SE iltaqa' mal-Uffiċjal Ambjentali tar-Reġjun fuq din il-kwistjoni u kwistjonijiet oħrajn. Is-Sindku stiednet lill-Uffiċjal Ambjentali tar-Reġjun biex jgħati r-rendikont ta' din il-laqgħa.

5.3 Fit-22 ta' Lulju is-Sindku kienet preżenti għall-laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għat-tindif u l-manutenzjoni. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE. L-iskop ta' din il-laqgħa kienet biex id-Dipartiment joffri ħaddiema lill-Kunsill biex iżomm u jirranġa l-ġonna li għandu l-Kunsill. Is-Sindku rringrazzjat lill- Kunsillier Spiteri li dar il-ġonna u għadda l-informazzjoni lis-SE biex ngħadduhom lid-Dipartiment. Ġie diskuss biex isir ħasil ta' spiss fi Triq tal-Labour. Is-Sindku talbet biex it-Telgħa t'Alla w Ommu isir tindif ta' darba minn naħa tagħhom avolja din it-triq taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill. Id-Dipartiment laqa' din it-talba u t-tindif minn naħa tagħhom sar. Issa se jitkompla mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

5.4 Is-SE informa li ingħata suġġeriment lid-Direttur Ġenerali biex issir kollaborazzjoni mal-Kunsill biex tiġi mnedija kampanja edukattiva dwar il-ħmieġ tal-klieb, bażikament biex persuna li joħroġ il-kelb iġorr miegħu kontenitur zgħir bl-ilma b'xi diżinfettant ħalli fejn il-kelb ixarrab ikun jista' jintefa l-ilma biex jelimina irwejjaħ u ħmieġ.

5.5 Fis-27 ta' Lulju saret laqgħa mar-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Għal din il-laqgħa attendew numru sabiħ ta' residenti. Ġew diskussi dawn li ġejjin; iż-żoni tal-*caravans*, *Bye law*, l-entratura ta' Baħar iċ-Ċagħaq, it-tisbieħ tal-*promenade*, żona ta' parkeġġ, għargħar, il-ġnien u n-nuqqasijiet minn ċertu residenti fejn jidħlu liġijiet ambjentali u li huma stess qed joħolqu nkonvenjent għar-residenti. Din il-laqgħa ntlaqgħat tajjeb ħafna mir-

residenti. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE kif ukoll il-Kunsillieri Cuomo u Deguara.

*5.6* Is-Sindku infurmat li fl-10 ta' Awwissu ġew żewġ residenti minn Baħħar iċ-Ċagħaq fejn iddiskutew dwar il-laqgħa li kienet saret għar-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Huma ġew joffru l-assistenza tagħhom fejn jidħol id-disinjar tas-sit tal-*caravans* u tisbieħ ieħor f'Baħar iċ-Ċagħaq.

*5.7* Hi infurmat li l-Kunsill talab lill-Ministeru tat-Turiżmu għal fondi biex issir attività qabel il-Festa. Din it-talba ġiet milqugħa. Il-Kunsillier Gaffiero kkuntatja lis-Soċjetajiet fejn infurmaw li kienu mpenjati bl-attivitajiet tagħhom. In-Naxxar Lions Football Club laqgħu din it-talba u organizzaw attività fil-Pjazza b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

*5.8* Hi infurmat li attendiet għal laqgħa dwar il-Belt Kulturali. Is-Sindku attendiet bħala Viċi President tar-Reġjun Tramuntana għaliex il-President ma setax jattendi minħabba impenji oħra. Minflok il-Belt Kulturali issa se jsir jisimha Reġjun Kulturali. Ta' kull sena tiġi ċċelebrata din l-okkażjoni. Ir-Reġjun Tramuntana jmissu jiċċelebra din l-okkazzjoni fis-sena 2026.

*5.9* Is-Sindku infurmat li l-Kunsill se jkun mitlub jivvota fuq PA 499/15 dwar Is-Simblija Care Home u l-Kunsill ried jieħu pożizzjoni. Is-Sindku ddikjarat konflitt ta' interess u għalhekk ma setgħetx tkun parti mil-laqgħa. Il-Kunsillier Brincat ukoll iddikjara konflitt ta' interess u allura f'dan il-ħin intilef il-quorum u dan is-suġġett ma setax ikun diskuss.

*5.10* ***TRASMISSJONI –*** *F'dan il-ħin setgħet issir it-trasmissjoni online.*

*5.11* Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ta' Strumyani fil-Bulgarija bagħat stedina lis-Sindku u lis-SE flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Kunsill għall-*International Folklore Festival* "Maleshevo sings and dances" mis-7 sal-10 ta' Ottubru. Se jkun hemm opportunità ma' Kunsilli oħrajn minn diversi pajjiżi. Hi proponiet li l-Kunsill jilqa' din l-istedina u jattendu il-Kunsillieri Brincat u Cuomo. Il-Kunsill qabel.

## 6. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

7.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

7.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/44) anness f'appendiċi A.

7.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Lulju anness f'appendiċi B.

7.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' ta' Lulju anness f'appendiċi Ċ.

7.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Lulju anness f'appendiċi D.

7.2 Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Deguara.

7.3 Is-SE ipprezenta r-risposta għall-management letter li kienet approvata *nem con*.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

8.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret l-Erbgħa 10 ta' Awwissu 2022 (anness f'appendiċi E).

8.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillieri kollha li kienu preżenti.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

9.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret l-Erbgħa 10 ta' Awwissu 2022 (anness f'appendiċi F).

9.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem* con) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

## 10. REVERSE VENDING MACHINES (RVM) – EMAIL MILL-AKL (TICKET #47391)

10.1 Is-SE qara l-email li kienet intbgħatet mill-AKL u li kien għadda kopja lil kull Kunsillier.

10.2 Ġie deċiż li dawn għandhom jiġu nstallati fi stabbilimenti kummerċjali għaliex huma kbar biżżejjed biex ikunu suffiċċjenti għad-domanda li hemm bżonn. Il-Kunsill qabel.

## 11. PINK OCTOBER (TICKET #47380)

11.1 Is-SE informa li l-Kunsill kien irċiva email dwar l-għarfien u l-edukazzjoni ta' Pink October u Movember. Dan biex jinxtgħel dawl roża matul ix-xahar ta' Ottubru.

11.2 Ġie deċiż lis-SE jiċċekkja jekk tistax tinxtegħel il-knisja ta' San Pawl u l-Funtana bħas-soltu.

## 12. ĠIMGĦA EWROPEA TAL-MOBILITÀ

12.1 Is-Sindku stiednet lil Kunsillieri Gatt u Deguara jitkellmu dwar dawn l-attivitajiet.

12.2 Il-Kunsillier Gatt informa li hu qed jieħu hsieb mill-aspett ta' edukazzjoni u trasport filwaqt li l-Kunsillier Deguara qed jieħu ħsieb mill-aspett ta' attivitajiet sportivi.

12.3 L-attività se ssir il-Ħadd 18 ta' Settembru fejn se jsir għeluq fil-Pjazza, l-parti ta' fejn il-Palazz. F'din il-parti se jkun hemm għall-esebizzjoni vetturi elettriċi. Filwaqt il-parti fejn il-bandli u l-bini tal-Kunsill se jsiru l-attivitajiet sportivi.

12.4 Ġie deċiż li wara l-laqgħa se jiġi diskuss dwar fejn se jsir l-għeluq tat-toroq.

12.5 Il-Kunsillier Deguara informa li jkun xieraq li l-parteċipanti kollha jingħataw tifkira ta' din l-okkazzjoni. Il-Kunsill qabel.

## 13. SKEMI

13.1 Ċirkulari numru SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2022 – Estenzjoni ta' żmien (tkt #479110)

13.1.1 Is-SE informa li se jikkomunika mal-Kunsillier Gaffiero dwar din l-iskema

13.2 Ċirkulari numru SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom (tkt #47576)

13.2.1 Dwar din l-iskema possibilment għandha ssir applikazzjoni fuq proġett li għad irid jiġi deċiż.

**14. KAMPANJA INNADFU D-DINJA (TKT #46887)**

14.1 Is-SE qara l-email għall-applikazzjoni ta' din il-kampanja u li kien għadda kopja lil kull Kunsillier.

14.2 Wara diskussjoni fit-tul, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx u li jixtieq li jsir aktar infurzar dwar l-indafa fil-lokalità għal aktar sostenibilità.

**15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

15.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022 fis-17:45.

15.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:07pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |